**10 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. r. W. Harding, K.M., B. Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Ċensu Vella

**Azzjoni Kriminali — Poter Eżekuttiv — Gvern — Dimissjoni tal-Ministri — Nullità — Art. 4 tal-Kodiċi Kriminali — Gvernatur — Art. 40 u 41 tal-"Malta Constitution Letters Patent, 1947".**

*L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Gvern, li jmexxiha fl-isem tal-Maestà Tiegħu r-Re bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Attorney General, kif ikun il-każ, skond il-liġi.*

*Verament, l-ispiritu ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi kien pjuttost li jiġi affermat il-karattru publiku tal-azzjoni fid-dritt modern u l-"persecutio criminis" bil-mezz ta' uffiċjal appożitu, kuntrarjament għall-konċett antik tar-reat privat u tal-prosekutur privat. Imma, stante li l-liġi tgħid li l-azzjoni kriminali "tmiss lill-Gvern", ma jistgħax jiġi negat id-dritt tal-imputat li jipprospetta l-kwistjoni dwar jekk fil-każ tiegħu kienx hemm Gvern, u għalhekk kienx hemm awtorità kompetenti biex tipproċedi kriminalment kontra tiegħu.*

*Skond il-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1947 ġie kostitwit Poter Eżekuttiv, ossija Gvern, mogħti lill-Ministri; imma jekk dawn jiddimettu, u d-dimissjoni tagħhom tiġi aċċettata mill-Gvernatur, ma jistgħax jingħad li allura ma hemmx Gvern, u li kwindi l-azzjoni kriminali meħuda kontra l-imputat hija nulla għax ma kienx hemm min jeżerċitaha legalment minħabba li l-Gvernatur, għal xi raġuni jew oħra, ma jkunx innomina ministri oħra f'lokhom, u ma tkunx ġiet revokata dik il-Kostituzzjoni u ma jkunux ingħataw il-provvedimenti meħtieġa għall-każ. Għax l-istess Kostituzzjoni tal-1947 tipprovdi illi, għalkemm l-awtorità eżekuttiva hija fdata, għal dak li ma hux "reserved matters", lill-Gvernatur u lill-Ministri, dak il-poter eżekuttiv ma jispiċċax*

*għal kollox b'd-dimissjoni tal-Ministri; imma, la ma jkunux ġew nominati ministri oħra, ikun hemm rivivixxenza tal-prinċipju ġenerali illi l-Gvernatur huwa rivestit bil-poteri kollha essenzjali biex jitmexxa l-Gvern lokali.*

*Fil-każ preżenti, jekk seta' kien hemm xi diffikultà minħabba li, skond il-klawsola nru. 11 tal-Instructions lill-Gvernatur tal-5 ta' Settembru 1947, hu kellu jkun gwidat fl-eżerċizzju tal-poter: lilu mogħtija mill-Kunsill Eżekuttiv għar-rigward tal-materji li jkunu jidħlu fil-ġurisdizzjoni tal-Assemblea Leġislattiva, din ġiet rimossa bil-fatt li l-Maestà Tagħha r-Reġina, skond Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 269 tal-25 ta' April 1958, tat istruzzjonijiet li dik il-klawsola ma jkollhiex aktar effett.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-2 ta' Mejju 1958, li biha l-imputat ġie misjub ħati talli, bil-ħsieb li jġiegħel lil xi ħadd li ma jagħmelx xi ħaġa illi dak il-bniedem ieħor għandu l-jedd li jagħmel, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, intimidieħ, u baqa' jsus wara dak il-bniedem minn post għall-ieħor, u ġie dikjarat li r-reat l-ieħor kontra tiegħu dedott, u li ġie pruvat, kien assorbit fl-ewwel reat, u ġie kundannat għall-piena tal-priġunerija għal żmien tnejn u tletin ġurnata;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appellant issolleva f'din l-istanza l-eċċezzjoni kontenuta fin-nota fol. 16, fis-sens illi l-azzjoni kriminali promossa kontra tiegħu hija nulla, peress li din l-azzjoni hi nvestita fil-Gvern, li nstant, kif isostni l-appellant, la jeżisti l-lum u lanqas kien jeżisti fiż-żmien meta ġiet promossa l-azzjoni (verbal fol. 18). Din l-eċċezzjoni ġiet kontestata mill-prosekuzzjoni bin-nota tagħha fol. 17;

Għalhekk, qabel xejn, din il-Qorti għandha *tikkunsidra u tiddeċidi* din il-preġudizzjali;

L-art. 4 tal-Kodiċi Kriminali Malti (Kap. 12 Ediz. Riv. jgħid hekk:— "L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Gvern, li jmexxiha fl-isem tal-Maestà Tiegħu r-Re bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Attorney General, *kif ikun* il-każ, skond il-liġi";

Verament, l-ispiritu ta' dak l-artikolu kien pjuttost li jiġi affermat il-karattru publiku tal-azzjoni fid-dritt modern u l-"persecutio criminis" bil-mezz ta' uffiċjal appożitu, kuntrarjament għall-konċett antik tar-reat privat u tal-prosekutur privat. Iżda, b'dan kollu, ġa ladarba hemm fid-dispożizzjoni ċitata l-kliem "tmiss lill-Gvern", ma jistgħax jiġi negat id-dritt tal-appellant li jipprospetta l-kwistjoni dwar jekk fil-każ preżenti setgħetx tiġi esperita l-azzjoni kriminali kontra tiegħu, una volta li din, b'liġi, tmiss lill-Gvern u una volta li, fis-sottomissjoni tiegħu, Gvern ma hemmx u ma kienx hemm fil-waqt li nbdew il-proċeduri kontra tiegħu bil-preżentata taħt arrest fit-2 ta' Mejju 1958;

Tikkunsidra;

It-teżi tal-appellant, kif spjegata fl-argumenti tad-difensur tiegħu, hi din, "in succinto". Skond il-Karta Kostituzzjonali tal-1947 il-Poter Eżekuttiv, ċjoè il-Gvern, hu mogħti lill-Ministri, u għalhekk, meta dawn iddimettew u d-dimissjoni tagħhom ġiet aċċettata, u ma kienx hemm aktar Ministri, ma kienx hemm aktar poter eżekuttiv ossija Gvern, u għalhekk l-azzjoni, li, "ex lege", tmiss lill-Gvern, ma setgħetx tiġi eżerċitata, ladarba Gvern ma kienx hemm;

Hu fatt li bin-Notifiikazzjoni tal-Gvern nru. 268 tal-24 ta' April 1958 ġie mħabbar illi l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur kien aċċetta dak l-istess jum id-dimissjoni tal-Onor. Dominic Mintoff mill-kariga tiegħu ta' Prim Ministru, u li din id-dimissjoni tinkludi d-dimissjoni tal-Ministri l-oħra kollha li kienu jiffurmaw l-amministrazzjoni;

Hu fatt ukoll lli, b'effett tal-klawsoli 40 u 41 tal-

Letters Patent għat-twaqqif ta' gvern responsabbli f'Malta tal-5 ta' Settembru 1947, ġie provvdut għan-nomina ta' mhux iżjed minn tmien Ministri minn fost il-Membri tal-Assemblea Leġislattiva, ukoll imwaqqfa b'dawk il-Letters Patent, li wieħed minnhom ikun il-Prim Ministru; u ġie provvdut ukoll li dawn il-Ministri jkunu kull wieħed minnhom inkarigati mill-amministrazzjoni ta' dawk id-dipartimenti u affarijiet u mill-għemil ta' dawk ix-xogħolijiet l-oħra li jkunu mqassmin mill-Gvernatur wara ftehim mal-Prim Ministru;

L-appellant, għalhekk, qiegħed isostni illi, ladarba skond il-Kostituzzjoni l-amministrazzjoni, ossija l-Gvern, hu fdat lill-Ministri, u ladarba dawn iddimettew, għalhekk, sakemm tibqa' sseħħ il-Kostituzzjoni u ma tiġix revokata, kif għadha ma ġietx revokata, Gvern ma hemmx. Il-pont kollu hu, għalhekk, jekk hux korrett li jingħad li skond il-Kostituzzjoni l-poter eżekuttiv kien interament f'idejn il-Ministri, u li, meta dawn iddimettew, il-Gvern spiċċa fix-xejn;

Ikkunsidrat;

Bil-Kostituzzjoni tal-1947, bħal ma kien il-każ bil-Kostituzzjoni tal-1921, ġie mwaqqaf f'Malta dak li jissejjaħ Gvern Dijarkiku; u għalhekk hu applikabbli dak li kien qal is-Segretarju tal-Istat tal-Kolonji, allura Mr. Amery, fid-dispaċċ tiegħu lill-Gvernatur ta' Malta tal-24 ta' Diċembru 1919, ċjoè:—

"6. There will, in fact, be two concurrent systems of government in the Island; a Government for matters of imperial concern, which must take orders from the Imperial Government, and a government for local affairs, which will be controlled by the wishes of the inhabitants of the Island, expressed through popular institutions;

These two forms of government will be united in the person of the Governor, who will, from one aspect, be the mouthpiece of the Imperial Government, acting with a small Nominated Council comprising representatives of the Imperial Services and interests, as the supreme executive

and legislative authority for all matters of Imperial concern, while from the other aspect he will be the constitutional head of a small self-governing community acting on the advice of responsible ministers chosen from the elected legislature";

Għalhekk tidher sewwa l-ispjegazzjoni ta' x'kellu jkun il-Gvern Malti mogħtija fid-diskors li kien għamel il-Gvernatur ta' allura fl-okkażjoni tal-publikazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni tal-1947 (Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Settembru 1947, paġ. 992). Fl-"Interpretation Clause" ta' din il-Kostituzzjoni hemm hekk:— "Maltese Government means the Government hereby constituted for the exercise of any power, jurisdiction or authority in Malta with regard to all matters other than reserved matters". U fid-diskors issa msemmi, l-allura Gvernatur qal:— "The Maltese Government consists of four branches, namely:— (1) The Governor; (2) the Legislative Assembly; (3) the Ministry; (4) the Governor-in-Council, i.e. the Governor acting by and with the advice of the Executive Council, which will be composed of Ministers";

Għalhekk ma tidherx korretta s-sottomissjoni tad-difiża li l-Gvern Malti kien jikkonsisti unikament fil-Ministri;

Jidher aktar eżatt li in ġenerali jingħad fil-kliem ta' Wade & Philips, "Constitutoinal Law", p. 403, illi:— "The Governor of a Colony is both in form and in fact the Executive". U, in partikulari, f'kolonja fejn hemm gvern responsabbli, il-pożizzjoni tiegħu hi kif tinsab indikata fir-Ridges, "Constitutional Law", p. 492, ċjoè dik ta' "a constitional monarch", li normalment ma jistgħax jaġixxi indipendentement, imma skond il-karta kostituzzjonali li twaqqaf il-kostituzzjoni, skond il-Letters Patent li jistabbilixxu l-kariga tiegħu, u skond l-Instructions lilu mogħtija mis-Sovran. "In colonies where responsible government is established, the administration of public affairs is conducted through the agency of a Governor and an Executive Council" (Todd, Parl. Govt. in the Brit. Col. p. 37);

Għalhekk, ma hux korrett l-argument tad-difiża li malli ddimettew il-Ministri, allura, "sic et simpliciter",

żvanixxa l-Poter Eżekuttiv, għax huma biss (skond id-difiża) kienu jikkostitwixxu dak il-Poter. Il-kwistjoni hi aktar preċiżament din:— L-awtorità eżekuttiva, skond il-Kostituzzjoni, kienet fdata, għan-"non reserved matters" lill-Gvernatur u lill-Ministri. Dan il-poter eżekuttiv spiċċa għal kollox bid-dimissjoni tal-Ministri, jew inkella għadda f'idejn il-Gvernatur?

Biex wieħed jasal għall-konklużjoni korretta, jeħtieġ l' jiġi ndagat il-pont tal-poter tal-Kuruna f'Malta. Anki jekk hu veru, kif inhu indubbjament veru u innegabbli, illi s-sovranità fuq dawn il-Gżejjer għaddiet f'idejn il-Kuruna Ingliża mhux b'xi dritt ta' konkwista jew "settlement" imma b'ċessjoni volontarja tal-Maltin, kif dawn orgoljożament u bir-raġun dejjem sostnew, u kif ġie dejjem rikonoxxut (ara Instructions ta' Lord Bathurst, Seg. tal-Istat għall-Kolonji, lill-Gvernatur ta' Malta tat-28 ta' Lulju 1813; ara dikjaraz. ta' Lord Glenelg fi'-House of Lords fit-30 ta' April 1939; ara dikjaraz. tal-Ministru Joseph Chamberlain fil-House of Commons f'Jannar tal-1902; ara l-"Essay on the Government of Dependencies" ta' Sir George Cornwall-Lewis, fejn, fost l-akkwisti ta' kolonji "by voluntary cession", jiċċita lil Malta; ara l-proċess tal-"Mixed Marriages" quddiem il-Privy Council tal-1892), jibqa' dejjem ugwalment veru, kif ġie rikonoxxut mill-Qrati ta' Malta (ara App. "Strickland vs. Galea", 22 ta' Ġunju 1935), illi ċ-ċessjoni ta' Malta mil'-Maltin lill-Ingilterra ma kienetx tneħħi l-akkwist in oriġine mill-parti tal-Kuruna tal-Prerogattiva, salva l-eventwali limitazzjoni jew sospensjoni tagħha fil-każ ta' konċessjonijiet kostituzzjonali, sakemm u sa fejn dawn jiffunzjonaw regolarment. Issa, jgħid it-Todd, "Parliamentary Government in the British Colonies", 2nd. edition. pp. 35-36:—

"Nevertheless, there is a general devolution to every Colonial Governor of so much of the authority of the Crown as may be necessary for administering the Government of the Colony over which he is placed by the Sovereign, whose office and authority he represents...... A constitutional Governor is not merely the source and warrant of all executive authority within his jurisdiction: he is also the pledge and safeguard against all abuse of power by whom-

soever it may be proposed and manifested; and to this end he is entrusted with the maintenance of certain rights and the performance of certain duties which are essential to the welfare of the whole community";

Sakemm kien hemm il-Ministri, l-eżerċizzju tal-poter eżekuttiv mill-parti tal-Gvernatur kellu jiġi regolat konformement, għaliex il-prerogattiva tal-Kuruna, li biha hu nvestit, kienet ġiet "abridged", kif setgħet tiġi "abridged" (Keir & Lawson, "Cases in Const. Law", p. 418) bil-Kostituzzjoni, li tat poteri lill-Ministri in kariga bħala parti mill-Poter Eżekuttiv. Iżda, bil-fatt tad-dimissjoni tal-Ministri, u bil-fatt li dik il-parti tal-Letters Patent li tipprovdi għall-formazzjoni ta' Ministeru ma baqgħetx aktar operattiva, minħabba li, għal raġunijiet li ma jinteressawx din il-kawża, ma setgħux jiġu sostitwiti ministri oħra, jidher leċitu li wieħed jikkonkludi li kien hemm ir-rivivixxenza tal-prinċipju ġenerali (ara *Ridges*, loc. ċit. p. 491) li "a Governor has a delegation of all powers essential for local government......" — delegazzjoni li fis-sens premess tiġi lilu mill-Prerogattiva tal-Kuruna bħala rappreżentant tagħha;

Din il-konklużjoni tal-Qorti tidher avvalorata bil-kliem li kien qal il-Privy Council fis-sentenza in re "Strickland vs. Sammut et." tat-30 ta' Ġunju 1938, applikabbli "mutatis mutandis" għall-każ odjern:— "Above all, it seems very unlikely that, on instituting a complex system of dyarchy by Letters Patent, it could have been intended that, if that part of the law making an administrative power which was being confined to a representative body come to an end, the Crown would be left in the enjoyment of truncated and mutilated powers and with no means of providing for the peace, order and good government of Malta";

Dan il-konċett espress mill-Privy Council jidher konformi għal dak li hemm fit-Todd, loc. ċit. paġ. 35, b'riferenza għall-Col. Reg. 1892, no. 34:— "If anything should happen which may be for the advantage or security of the Colony, and is not provided for in the Governor's Commission and Instructions, he may take order for the present therein";

Id-diffikultà, li seta' kien hemm, minħabba li, skond il-klawsola nru. 11 tal-Instructions lill-Gvernatur tal-5 ta' Settembru 1947, hu kellu jkun gwidat fl-eżerċizzju tal-poteri lilu mogħtija mill-Kunsill Eżekuttiv għar-rigward tal-materji li kienu jidħlu fil-ġurisdizzjoni tal-Assemblea Leġislattiva, ġiet rimossa bil-fatt li l-Maestà Tagħha r-Reġina, skond Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 269 tal-25 ta' April 1958, tat istruzzjonijiet li dik il-klawsola ma jkollhiex aktar effett;

Għalhekk, din il-Qorti hi ta' fehma li ma jistgħax jingħad li, meta ġiet promossa din l-azzjoni kriminali, Gvern ma kienx hemm;

Konsegwentement tiddeċidi;

Billi tiċħad l-eċċezzjoni; u tordna li jiġi trattat il-meritu;